**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Xerri**

Kaz Numru: 530/2015

Illum 12 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi **Joseph Xerri**, iben John u Catherine nee' Magro, imwieled fil-25 ta' Lulju 1959, residenti fil-fond numru 152, Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43659(G), akkuzat:

1. Talli matul ix-xahar ta' Awwissu 2015 minn gewwa r-Rabat, Ghawdex, f'hinijiet differenti, ikkommetta serq ta' madum liema serq huwa aggravat bil-persuna, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew Teresa Camilleri u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u rrikoferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa. Il-Qorti tat kaz ukoll li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u difiza dwar il-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(d), 268 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**